

Kawża C-314/09

Stadt Graz

vs

Strabag AG et

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Oberster Gerichtshof)

“Direttiva 89/665/KEE — Kuntratti pubbliċi — Proċeduri ta’ reviżjoni — Rikors għad-danni — Għoti ta’ kuntratt illegali — Regola nazzjonali ta’ responsabbiltà bbażata fuq preżunzjoni ta’ ħtija tal-awtorità kontraenti”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-30 ta’ Settembru 2010 . . . I - 8771

Sommarju tas-sentenza

Approssimazzjoni tal-liġijiet — Proċeduri ta’ reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet — Direttiva 89/665 — Obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu proċedura ta’ reviżjoni

(Direttiva tal-Kunsill 89/665)

I - 8769

Id-Direttiva 89/665, dwar il-koordinazzjoni tal-ligġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] kif emendata bid-Direttiva 92/50, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt għad-danni minħabba ksur tad-dritt tal-kuntratti pubbliċi minn awtorità kontraenti għall-kundizzjoni ta' ħtija għal dan il-ksur, inkluż meta l-applikazzjoni ta' din il-leġislazzjoni tkun ibbażata fuq preżunzjoni ta' ħtija tal-imsemmija awtorità kontraenti kif ukoll fuq in-nuqqas ta' possibbiltà li din l-awtorità tinvoka n-nuqqas ta' kapaċitajiet individwali u, għaldaqstant, fuq ir-responsabbiltà suġġettiva tal-ksur allegat.

Fil-fatt, ir-rimedju ta' kumpens għad-danni pprovdut fl-Artikolu 2(1)(ċ)

tad-Direttiva 89/665 jista' jikkostitwixxi, jekk ikun il-każ, alternattiva proċedurali kompatibbli mal-prinċipju ta' effettività li jservi ta' bażi għall-għan ta' effettività ta' rimedji segwit mill-imsemmija direttiva biss bil-kundizzjoni li l-possibbiltà ta' għoti ta' danni fil-każ tal-ksur tar-regoli dwar il-kuntratti pubbliċi ma tkunx tiddependi, u dan jgħodd ukoll għar-rimedji l-oħra pprovduti f'dan l-Artikolu 2(1), fuq il-konstatazzjoni ta' ħtija tal-awtorità kontraenti. Ftit jimporta, f'dan ir-rigward, li l-leġislazzjoni nazzjonali ma timponix fuq il-persuna leża l-oneru tal-prova ta' ħtija tal-awtorità kontraenti, iżda tirrikjedi li din l-awtorità taqleb il-preżunzjoni ta' ħtija imposta fuqha billi tillimita r-raġunijiet li jistgħu jiġu invokati għal dan il-għan.

(ara l-punti 39, 40, 45 u d-dispożittiv)